MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2017

Rikors Maħluf Numru: 925/14LM

**Slais Company Limited (C 2659)**

***vs.***

**Mark Mangion (K.I. 390260M)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **Slais Company Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") maħluf minn Ray Falzon, direttur tal-istess soċjetà u ppreżentat fit-23 ta' Ottubru, 2014, li jgħid kif ġej:

*Illi l-partijiet diversi drabi għal aktar minn għoxrin sena daħlu ma' xulxin f'negozju ta' xiri u bejgħ ta' laħam u tiġieġ. Matul dawn is-snin kollox mexa regolari ħlief għal negozju reċentement. Kull meta Ray Falzon fil-kwalità tiegħu premessa kien jinkwieta li jista' ma jirċeviex il-ħlas mingħand l-intimat, dan kien dejjem iserraħlu rasu li kieku stess hemm il-Credit Insurance li għandu li tagħmel tajjeb. Din il-garanzija ġieli anki ngħatat bil-miktub għal "C & F value only as per past contracts" kif jidher fid-dokument anness u mmarkat Dok A2.*[1]

*Illi c-cheques li kien jirċievi bħala ħlas kienu jkunu ffirmati mill-intimat; illi meta kien ir-rikorrent nomine li jrid jeffettwa xi ħlas fuq xi xiri jew depożitu, hu kien (fuq istruzzjonijiet tal-intimat) jiffirma c-cheque, jimla l-ammont u jħalli l-isem vojt kif kien jgħidlu jagħmel l-intimat. Illi l-invoices li kien joħroġ kienu dejjem ikunu fuq Mark Mangion u jgħaddihomlu, u l-intimat qatt ma ilmenta minn dan.*

*Illi matul Marzu u April ta' din is-sena mal-ftehim ta' xiri bħala rabta s-soċjetà attriċi vversat lill-intimat is-somma ta' €27,000 (sebgħa u għoxrin elf Euro) bħala depożitu għal xiri ta' Whole Chicken Breast (Dok. A1)*[2] *(liema konsenja qatt ma ġiet u lanqas ir-rifużjoni tad-depożitu), u wara f'Marzu 2014 xtrat laħam u tiġieġ fl-ammont ta' €225,000 (mitejn u ħamsa u għoxrin elf Euro) (Dok. A2)*[3] *u partita oħra ta' €225,000 (mitejn u ħamsa u għoxrin elf Euro) (Dok. A3).*[4]

*In segwitu l-intimat biegħ l-ewwel konsenja lill-Polish National Airline (LOT) bħala in-flight meals u wiegħed profitti lis-soċjetà rikorrenti għall-25 ta' Mejju bit-18% u t-tieni konsenja konsistenti fi frozen boneless beef Young bull cuts Dutch origin inbiegħet ukoll bit-18% profitt għas-soċjetà rikorrenti. Inoltre,*

---

[1] *A fol*. 9 tal-proċess fejn, fuq *letterhead* ta' Mark Mangion *Import/Export Commission Agent* – fax mibgħuta lil Ray Falzon – Slais Co. Ltd., jingħad *"Further to our various telecoms, this is to confirm your participation in the purchase and eventual resale of frozen bonelees beef ....This order is subject as follows: (a) Profit: This order carries a minimum guaranteed profit margin of 18% on capital participation. Any extra profit.... (d) Payment: ....Please note that this credit is covered by credit insurance with the client for the C & F value only as per past contracts. Profits are NOT insurable......If you are in agreement .... sign, stamp and fax back your acceptance of this order ....... Mark Mangion f/Food World Ltd. Confirmed & Accepted Raymond Falzon f/Slais Co. Ltd."*

[2] *A fol.* 7 (*proforma invoice No. 070414)* u 8 tal-proċess. Dawn kienu ffirmati da parti tal-konvenut minn Herman Abela f/Mark Mangion, l-ewwel waħda datata 07.04.2014 u t-tieni waħda 08.04.2014.

[3] *A fol.* 9 tal-proċess. Dan kien iffirmat minn Mark Mangion f/Food World Ltd., datat 04.03.2014.

[4] *A fol.* 10 tal-proċess. Dan kien iffirmat minn Mark Mangion f/Cassar & Schembri Marketing Ltd., datat 04.03.2014.

*anke kif jirriżulta minn Dok. A4[5] datat 4 ta' Settembru, 2013 l-intimat għandu jħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somom ta' €6,800 (sitt elef u tmien mitt Euro) u €6,600 (sitt elef u sitt mitt Ewro) ta' Chicken Breast Layer Packed Polish Origin.*

*Illi wara li r-rikorrent nomine ppressa ħafna lill-intimat għal ħlas u dan dejjem jgħidlu li intant hemm il-Credit Insurance, u meta issa għafas għal dawn il-flus, l-intimat ħareġ bl-istorja li hu Commission Agent tal-Food World Limited u Cassar & Schembri u li dawn kienu jagħmlu ordnijiet massiċċi tal-laħam mill-esteru u li dawn l-ammonti mhux dovuti minnu. Illi li kieku dan kellu b'xi mod jiġi aċċertat minn din il-Qorti, l-intimat ikun responsabbli għad-danni kawża tal-frodi li għamel lis-soċjetà rikorrenti. Illi l-aġir tal-intimat kien xejn regolari, anke għax kien jaġixxi ta' importatur u wholesaler, oltre li kien jirrilaxxa dokumenti mhux ai fini tal-liġi.*

*Illi s-soċjetà rikorrenti qatt ma ffirmat kuntratt ma' Food World Limited u Cassar & Schembri; qatt ma rċieviet xi cheque mingħandhom direttament; qatt ma ħarġet cheques fuqhom u jekk se mai hemm xi wieħed minn dawn kien kawża ta' xi ingann tal-intimat li kien jgħid lil Ray Falzon biex iħalli l-isem vojt; Illi l-manuvri tal-intimat jidhru ċari li meta iffirma kien daqqiet ma jagħmel ebda kwalifika, daqqiet Herman Abela għal Mark Mangion, xi kull tant Mark Mangion f/Food World Ltd., u xi kultant għal Mark Mangion f/Cassar & Schembri Marketing Ltd.*

*Illi l-aġir tal-intimat wassal li s-soċjetà rikorrenti għandha tieħu diversi ammonti ta' flus mingħand l-intimat li wkoll hu responsabbli għad-danni mill-frodi li għamel.*

*Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tikkundanna lill-intimat debitur tas-soċjetà rikorrenti f'dak l-ammont li jidhrilha ġustifikat;*

2. *Tillikwida l-ammont hawn fuq imsemmi taħt paragrafu wieħed (1);*

[5] *A fol.* 11 tal-proċess. Dan kien iffirmat minn Mark Mangion, datat 04.09.2013, fejn qed jiġi miftiehem *"... which will be exported to Italy direct. This order has been sold to you at €3.50 per kg. net and has been sold onward to our Italian client at €3.70 per kg. net, both prices delivered stores"*, fejn jingħad ukoll *inter alia* li *is-supplier* ser jitħallas mill-ewwel u kif il-klijent l-Italja ser iħallas fuq sittin jum kreditu. ...."

3. *Tiddikjara li kawża tal-aġir frawdolenti tal-intimat is-soċjetà rikorrenti batiet danni konsiderevoli;*

4. *Tillikwida dawn id-danni taħt paragrafu tlieta (3);*

5. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma likwidata taħt paragrafu 2;*

6. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjetà rikorrenti is-somma likwidata taħt paragrafu 4;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Mark Mangion** kif rappreżentat fl-assenza tiegħu mill-Gżejjer Maltin mill-Av. Andrew Ellul u mill-Av. Keith A. Borg in forza ta' prokura speċjali datata 4 ta' Novembru, 2014 (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), ippreżentata fis-17 ta' Novembru, 2014, fejn ingħad:

*It-talbiet tal-kumpannija rikorrenti għandhom jiġu respinti fl-intier tagħhom għar-raġunijiet kif hawn aktar 'l isfel elenkati:*

1. *Fl-ewwel lok, l-intimat Mark Mangion la huwa debitur tal-kumpannija rikorrenti u lanqas ikkawżalha danni.*

2. *Fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kumpannija rikorrenti jeħtieġilha tikkjarifika x-xorta tad-debitu minnha reklamat u tiddikjara l-quantum u tressaq prova tal-istess quantum stante illi r-rikors ġuramentat jippekka minn premessi ċari f'dan ir-rispett; fi kwalunkwe każ debitu tax-xorta reklamat mill-kumpannija attriċi, u ċioè debitu allegatament ikkuntratt fil-perkors tan-negozju, ma*

*jeħtieġx, kemm-il darba jkun wieħed reali u veritier, jiġi assoġġettat għal likwidazzjoni ġudizzjarja.*

3. *Fit-tielet lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kumpannija rikorrenti jeħtieġilha tikkjarifika x-xorta tad-danni minnha reklamati u tressaq prova tal-istess; għal darb'oħra r-rikors ġuramentat jippeka minn premessi ċari f'dan ir-rispett.*

4. *Fir-raba' lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, kif jidher mid-dokumenti mehmuża mill-kumpannija rikorrenti mar-rikors ġuramentat tagħha, in-negozju illi fih kienu jipparteċipaw il-kontendenti huwa inekwivoku u ma jagħti ebda lok għall-misinterpretazzjoni li, bi skop, qiegħda jogħġobha tagħmel il-kumpannija rikorrenti fil-konfront tal-istess. L-intimat Mark Mangion ma għandu jħallas xejn lill-kumpannija rikorrenti; ir-relazzjoni ġuridika tal-kumpannija rikorrenti kienet dejjem u unikament ma' kumpanniji terzi u għalhekk l-istanti ma huwiex il-leġittimu kontradittur tal-kumpannija rikorrenti.*

5. *Fil-ħames lok, fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi, u jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija rikorrenti, inklużi dawk relatati ma' atti kawtelatorji li ppreċedew dawn il-proċeduri, u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-intimat.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Diċembru, 2016, fejn ingħataw termini għan-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet u l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-avukati difensuri tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Illi din il-kawża hi għal-likwidazzjoni u sussegwenti ħlas ta' somma li qed tintalab mis-soċjetà attriċi lill-konvenut minħabba allegati ħlasijiet li s-soċjetà attriċi għamlet lill-konvenut biex jiġi mixtri laħam minn barra minn Malta b'ċertu prezz u jerġa' jinbiegħ barra minn Malta bi prezz ogħla u b'hekk jipparteċipaw fil-qligħ b'ċerti perċentwali fissi. Is-somom li s-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi l-ħlas lura tagħhom mill-konvenut huma kif ġej: (1) €27,000 bħala depożitu (u li ma kienx il-ħlas kollu) rigward konsenja li eventwalment qatt ma saret u dan id-depożitu ma ġiex rifuż lura lis-soċjetà attiċi; (2) żewġ ammonti ta' €225,000 il-wieħed, rappreżentanti l-prezz ta' żewġ konsenji, liema konsenji ma setgħux isiru minħabba li l-kumpanniji li kienu finalment jirċievu l-flus biex jimportaw

minn barra u jirriesportaw għal barra, is-soċjetajiet Food World Limited u Cassar & Schembri Marketing Limited, kellhom l-assi tagħhom iffriżati minħabba li wieħed mid-diretturi ta' dawn is-soċjetajiet, Ryan Schembri (li wkoll kellu l-assi tiegħu personali ffriżati) kien akkużat b'ħasil ta' flus u eventwalment ħarab minn Malta; (3) il-profitt li s-soċjetà attriċi qed tippretendi li kieku kienet tagħmel fuq l-ewwel transazzjoni, li fuqha kienet ħallset depożitu ta' €27,000, li qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tillikwida, li però tikkalkula li kienet tkun ta' 20% mill-bejgħ kollu ta' 25,000 kilo ta' *chicken breast* bil-prezz ta' €3.15 kull kilo, għas-somma ta' €15,750 (20% ta' €78,750); (4) il-qligħ mitluf mill-bejgħ taż-żewġ konsenji ta' valur komplessiv ta' €450,000, bil-marġini ta' profitt ta' 18%, iġifieri qligħ mitluf ta' €81,000; u (5) danni ulterjuri konsegwenza tal-fatt illi li dawn il-ħlasijiet ma ġewx rifużi lura, is-soċjetà attriċi ma setgħetx tħallas dejn li kellha mal-bank u għalhekk kienet kostretta tbigħ bi prezz baxx proprjetà li hija kellha, b'danni għaliha ta' €160,000.[6]

Illi l-qofol tal-*litis contestatio* bejn il-partijiet idur madwar l-istat ta' fatt illi s-soċjetà attriċi qiegħda titlob l-imsemmija ammonti mill-konvenut għax is-soċjetà attriċi ssostni li dawn it-transazzjonijiet saru kollha esklussivament mal-konvenut li għaldaqstant hu debitur fil-konfront tagħha, filwaqt li l-konvenut qiegħed isostni li r-relazzjoni ġuridika li kellha s-soċjetà attriċi fuq dan in-negozju ma kinitx miegħu iżda mas-soċjetajiet Food World Limited u Cassar & Schembri Marketing Limited.

[6] *A fol.* 33, affidavit ulterjuri ta' Raymond Falzon.

Illi soċjetà attriċi qiegħda tikkontendi wkoll li l-konvenut qarraq bihom meta kien jindikalhom fil-konferma tat-transazzjonijiet li *"this credit is covered by credit insurance with the client for the C & F* (*cost* u *freight) value only as per past contracts. Profits are NOT insurable."* U għaldaqstant is-soċjetà attriċi tikkontendi li l-konvenut għandu wkoll jinżamm responsabbli għad-danni s-soċjetà attriċi sofriet minħabba f'hekk.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Illi waqt ix-xhieda tiegħu **Raymond Falzon**[7], direttur tas-soċjetà attriċi, jispjega li għall-imsemmi negozju huwa kien jittratta mal-konvenut, li kien ilu jafu minn meta l-konvenut kien impjegat mal-Gvern u inkarigat mix-xiri tal-laħam. Raymond Falzon jgħid ukoll li l-konvenut wara li telaq minn mal-Gvern kien għamel miegħu xi negozji fis-settur tal-laħam u ftit snin ilu l-konvenut kien issuġġerielu li jibdew jixtru l-laħam minn xi *supplier* minn barra u jinbiegħu barra stess bi profitt. Illi kwantu għall-imsemmija ammonti li ġew versati lill-konvenut mis-soċjetà attriċi, ix-xhud jgħid illi meta beda jissikka lill-konvenut biex iħallas lura dawn l-ammonti, il-konvenut wieġbu li dawk għandu joħodhom mhux mingħandu iżda mingħand il-kumpannija Cassar & Schembri Limited.

[7] *A fol.* 23 sa 25, 33, 73 u 74, u 90 sa 96.

Illi Raymond Falzon spjega wkoll kwantu għaċ-*cheques* li kienet toħroġ is-soċjetà attriċi għall-akkwist tal-laħam skont il-ftehim li kellhom mal-konvenut, hu kien iħalli lill-konvenut jimlihom u kien jagħtihomlu bl-isem tar-riċevitur vojt għax qal "jien ma niktibx bħalma jikteb hu, pulit u hekk."

Illi mistoqsi diversi drabi in kontroeżami li hu kien jaf li l-laħam mhux qed jinxtara mill-konvenut, Raymond Falzon baqa' jinsisti li huma lill-konvenut biss kienu jafu.

Illi meta ġie mitlub biex jikkonferma li tliet riċevuti ppreżentati mill-konvenut, allegatament bħala ħlas ta' kummissjonijiet mill-konvenut lis-soċjetà attriċi dwar in-negozju fejn is-soċjetà attriċi kienet għamlet depożitu ta' €27,000, Raymond Falzon qal illi dawk l-irċevuti ma kellhom xejn x'jaqsmu man-negozju mertu tal-kawża, imma ma jispjega xejn aktar dwar dan.

Illi meta Raymond Falzon xehed in kontroeżami[8], il-Qorti tqis illi dan ix-xhud kien evażiv ħafna. Iddikjara li qatt ma kellu negozju ma' Ryan Schembri jew mal-kumpanniji tiegħu u li ttratta dejjem mal-konvenut. Muri dokumenti fejn jissemmew il-kumpanniji ta' Ryan Schembri, Raymond Falzon qal illi ma jafx jaqra jew li ma jiftakarx u meta ġie f'pożizzjoni li ma setax jinnega aktar, ikkonferma li ma' Ryan Schembri kellu negozju dirett miegħu iżda mhux fir-rigward tat-transazzjonijiet mertu ta' din il-kawża. Raymond Falzon jammetti wkoll li kien mar

[8] *A fol.* 90 sa 96.

flimkien ma' ħuh Alex u mal-konvenut għand Ryan Schembri biex jitkellmu dwar il-flus mertu tal-kawża. Mistoqsi għalfejn kien iltaqa' ma' Ryan Schembri meta kien qed jallega li fuq dawn l-ammonti ma kellux x'jaqsam l-istess Schembri, Raymond Falzon sempliċement qal li kien ġie mġiegħel jagħmel dan mill-konvenut. Raymond Falzon ġie wkoll mitlub mill-avukat tal-kontroparti sabiex jesebixxi kopji tac-*cheques* maħruġa mis-soċjetà attriċi relatati man-negozju inkwistjoni, liema *cheques* effettivament jindikaw lis-soċjetà Cassar & Schembri Ltd jew lis-soċjetà Cassar & Schembri (Marketing) Limited bħala riċevitur/*payee*. Però Raymond Falzon baqa' jinsisti li ma jafx x'involviment kien hemm min-naħa ta' Schembri, minkejja li kien ammetta li l-aħwa Falzon tramite is-soċjetà attriċi kellhom diversi negozji ta' tip ieħor miegħu.

Illi **Rita Tanti**[9], oħt Raymond Falzon, fix-xhieda tagħha tispjega li hi impjegata mas-soċjetà attriċi u tgħid dwar dan in-negozju li taf li kien jiġi l-konvenut iħallashom b'*cheques* u l-ħlasijiet lilu kienet taf bihom għax kienet tgħaddi *cheques* tal-kumpannija ffirmati minn ħuha Raymond Falzon lil ħuha l-ieħor, Alexander John Falzon, biex jiffirma wkoll fuqhom. Din ix-xhud tgħid ukoll Raymond Falzon dejjem kien isemmi lill-konvenut bħala l-klijent tagħhom. Din ix-xhud tikkonferma li kemm ic-*cheques* u anki l-mamma tagħhom fuq ic-*cheque books* tagħhom kienu bil-kaligrafija tal-konvenut. Din ix-xhud filwaqt li qalet li kienet tiffalja l-ħlasijiet li saru mill-konvenut, murija tliet irċevuti tal-kummissjonijiet li tħallset is-soċjetà

---

[9] *A fol.* 26 sa 28, u 154 sa 158.

attriċi mill-konvenut, stqarret li mhux dawn li kienet tieħu ħsieb hi u n-negozju mal-konvenut kien isir minn ħuha Raymnd Falzon mhux minnha.

Ix-xhud **Alexander John Falzon**[10], direttur ieħor tas-soċjetà attriċi, jispjega li s-soċjetà attriċi, kienet fil-*business* tax-xiri u bejgħ ta' prodotti tal-laħam u kkonferma li c-*cheques* li kienu jagħmlu fir-rigward tax-xogħol mertu ta' din il-kawża, kienu jkunu jew fuq isem il-konvenut personalment jew jitħalla vojt biex wara jimlieh l-istess konvenut. in kontro-żami jikkonferma li meta kien jiffirma fuq ic-*cheques* kien joqgħod fuq dak li kien jinnegozja ħuh Raymond Falzon, li kien ikun l-ewwel wieħed li jiffirma c-*cheque.* In kontroeżami dan ix-xhud kien evażiv ħafna tant li l-ewwel stqarr li ma jiftakarx bl-inkontru ma' Ryan Schembri u meta ġie mfakkar li kien mar għand Schembri ma' ħuh, li kien ftakar f'din il-laqgħa, qal illi dan kien biss inkontru ta' ħames minuti u r-raġel li kien hemm f'din il-laqgħa, ċjoè Ryan Schembri, ma kienx jafu minn hu, u dan meta s-soċjetà attriċi li tagħha kien direttur, kienet imdaħħla f'negozji oħrajn direttament ma' Schembri.

Illi **Lawrence Pace**[11] impjegat ta' HSBC (Malta) p.l.c., il-*Commercial Relationship Manager* tas-soċjetà attriċi, xehed illi minħabba *loans* li s-soċjetà attriċi kellha mal-bank, il-bank kien jitlob l-*audited accounts* kull sena u fl-aħħar ftit snin il-bank kien preokkupat illi mill-*audited accounts* kien jirriżulta illi kien hemm ammonti kbar dovuta mill-konvenut lis-

[10] *A fol.* 27 u 28, u 149 sa 153.
[11] *A fol.* 63 sa 66, u 165 sa 167.

soċjetà attriċi. Id-diretturi tas-soċjetà attriċi kienu jsemmulu n-negożju li s-soċjetà attriċi kellha mal-konvenut f'ismu personali u jaf li fid-*dealings* li kellhom mal-konvenut kienu semmew li l-konvenut kien koprihom bi *credit insurance,* li però skont id-diretturi, il-konvenut qatt ma ried jgħaddihielhom biex jaraha l-bank minħabba xi affarijiet kunfidenzjali li suppost kien fiha. Dan ix-xhud ippreżenta wkoll kopji tac-*cheques* li jirrelataw difatti mal-ħlas lura li qed tippretendi l-istess soċjetà attriċi[12], ċjoè *cheque* datat 08.04.2014 fl-ammont ta' €27,000 magħmul fuq Mark Mangion, ieħor datat 09.08.2014 ukoll fuq Mark Mangion u l-aħħar wieħed li kien magħmul fuq Cassar & Schembri Marketing Limited datat 30.08.2014.

Illi min-naħa tiegħu l-konvenut **Mark Mangion**[13] xehed illi kien jaf lil Raymond Falzon meta hu kien ic-*Chairman* tal-Bord tal-Importazzjoni tal-Laħam u wara beda jaħdem bħala *commission agent.* Hu jikkonferma li s-*suppliers* kienu jkunu Cassar & Schembri u rrakkonta meta Ryan Schembri direttur ta' dik il-kumpannija, infurmah li kellu l-assi ffriżati fuq akkużi ta' ħasil ta' flus. Rigward il-konsenja fejn is-soċjetà attriċi kienet għamlet depożitu ta' €27,000 Mark Mangion jammetti li kien iffirma Herman Abela, li kien joħodlu ħsieb ix-xogħol meta hu kien ikun imsiefer u għamilha biss f/Mark Mangion u mhux għan-nom is-soċjetajiet fuq imsemmija ta' Ryan Schembri u li dan kien żball. Hu jgħid li kemm-il darba Raymond Falzon kellu inkontri quddiemu ma' Ryan Schemrbi.

[12] *A fol.* 168, 169 u 170.
[13] *A fol.* 19 u 20, 37 sa 50, u 409 sa 422.

Dwar il-*credit insurance* li tissemma fuq il-"konsenji" l-oħrajn mertu ta' din il-kawża, iddikjara li din l-assikurazzjoni kien għamilha Ryan Schembri, li però qatt ma tah kopja tagħha għax kien hemm fiha xi informazzjoni sensittiva. Mangion jgħid illi dan id-dokument kien rah darba u kien għal xi miljun euro maħruġ minn bank.

Il-konvenut Mark Mangion jammetti li ma kellux prokura mill-kumpanniji ta' Ryan Schembri, però kien joħodlu ħsieb ta' ċertu klijenti li kienu jipparteċipaw fil-ħlas ta' ammonti kbar ta' laħam għas-suq barra, li l-istess kumpanniji ta' Schembri kienu jixtru u jissupplixxu.

Mark Mangion jammetti illi s-soċjetà attriċi kienet ħarġet *cheques* bl-ammonti li qed tintalab ir-rifusjoni tagħhom f'din il-kawża, però dawn kienu maħruġa fuq il-kumpanniji ta' Schembri. Il-konvenut fix-xhieda tiegħu kkonferma wkoll il-laqgħa li hu u Raymond Falzon kellhom ma' Ryan Schembri, fejn jgħid li Ryan Schembri kien aċċertahom illi hu kien responsabbli għal flushom u li kien ser iħallashom lura, però dak il-mument kellu flusu maqbuda.

Mark Mangion xehed ukoll illi kien ġie avviċinat minn Ryan Schembri biex jidħol fi skema fejn diversi parteċipanti jikkontribwixxu għal ħlas ta' konsenji kbar ta' prodotti tal-laħam li jiġu mixtrija mill-kumpanniji tal-istess Ryan Schembri u jinbiegħu barra stess bi profitt kbir. Mangion jgħid li meta hu kien irrakkonta dan lil Raymond Falzon u dan irrealizza li kien

hemm possibbilitajiet ta' introjtu kbir, kien Raymond Falzon stess li talbu biex jipparteċipa.

Illi in kontroeżami Mark Mangion jispjega li l-investimenti bħal dawk illi għamlet is-soċjetà konvenuta kienu *"investments in foreign orders"* li huwa kien qiegħed jieħu ħsieb għall-kumpanniji Cassar & Schembri Marketing Ltd u Food World Limited. Mangion spjega wkoll illi meta nqalgħu l-problemi, tant ma kinux qed jippretendu l-flus mingħandu, li l-aħwa Falzon permezz tas-soċjetà attriċi kienu għamlu ordnijiet diretti miegħu għal konsenji tal-laħam minn New Zealand.

Illi l-konvenut ippreżenta wkoll affidavit ta' ċertu **Chris Delia**[14] li kkonferma li lill-konvenut ilu jafu u li kien jafu bħala *commission agent.* Delia jgħid illi l-konvenut ma jimpurtax il-laħam hu stess għax mhux attrezzat, iżda jagħmel ordnijiet għax-xiri f'isem klijenti tiegħu u jitħallas *commission* minn dawn il-klijent/i. Delia jgħid li anki hu stess intlaqat ħażin minħabba 'l-iskema' ta' Ryan Schembri peress li huwa wkoll kien ipparteċipa f'din 'l-iskema'.

[14] *A fol.* 161.

## Kunsiderazzjonijiet ta' dritt

Illi fl-ewwel lok jirriżulta li l-konvenut ma kkontestax illi bħala fatt s-soċjetà attriċi effettivament ħarġet is-somom ta' €27,000, €225,000 u €225,000 li qiegħda tintalab ir-rifużjoni tagħhom f'din il-kawża. Illi għar-rigward tal-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi li kellha ritorn garantit ta' 18% fuq l-aħħar żewġ pagamenti li kienet għamlet, dan jirriżulta mid-dokumenti prodotti minnha[15], iżda għar-rigward tal-possibbiltà ta' qligħ mill-partita fejn kien sar depożitu ta' €27,000 u għar-rigward tat-talba għal danni ulterjuri minħabba li b'dawn il-ħlasijiet, li ma ġewx rifużi lura, l-istess soċjetà attriċi ma setgħetx tħallas dejn mal-bank u kellha tbigħ proprjetà tagħha bi prezz baxx, b'danni għaliha ta' €160,000, ma nġabu assolutament ebda provi mis-soċjetà attriċi. Fuq kollox il-Qorti għandha tiddetermina u finalment taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi teżamina l-provi fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna[16], li dak li qed jallega jrid jippruvah hu jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġaladarba ma tressqu ebda provi fir-rigward ta' dan l-aħħar żewġ ammonti imsemmija, dawn mhux ser jittieħdu in kunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni li trid ssir minn din il-Qorti.

---

[15] *A fol.* 9 u 10 tal-proċess.

[16] **Dr. H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**, P.A., 31.05.1972, **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, App. Inf., 02.05.1995 u **Anthony Azzopardi *et. noe* *vs.* Lapsi Holdings Limited**, P.A.,19.01.2015.

Illi finalment il-Qorti trid tindirizza il-kwistjoni ewlenija f'din il-kawża dwar x'kien preċiżament ir-rwol tal-konvenut fit-transazzjonijiet mertu ta' din il-kawża, sabiex jiġi determinat jekk il-konvenut għandux jinżamm personalment responsabbli għar-rifużjoni ta' flus u ħlas ta' profitti bit-18 fil-mija kif ġie mitlub mis-soċjetà attriċi.

Illi mill-provi prodotti li din il-Qorti fliet bir-reqqa u f'kull dettal tagħhom, jidher li kien hemm istanzi fejn il-konvenut kien jinnegozja f'ismu, kien hemm istanzi fejn kien jagħmilha ta' *commission agent* veru u proprju, kien hemm istanzi fejn ipparteċipa bħas-soċjetà attriċi fl-'iskema' ta' Ryan Schembri billi ħareġ sehmu fi flus għal din iskema, u kien hemm istanzi oħrajn fejn il-konvenut kien jieħu ħsieb ta' klijenti li qed jipparteċipaw f'din l-iskema bħal fil-każ tat-transazzjonijiet mertu ta' din il-kawża.

Tajjeb illi hawnhekk isir aċċenn għal dak illi intqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Anthony Azzopardi *et. nomine vs.* Alfred Grech**[17] dwar il-*commission agent*:

> "... anke li kieku kellu jiġi, għall-grazzja tal-argument biss, aċċettat li l-konvenut kien qed jirċievi biss kummissjonijiet mingħand Senkal u mhux jaqsam il-profitti, dan kien ifisser li l-konvenut kien qed jaġixxi ta' "*commission agent"* u għalhekk kienu japplikaw art. 96 u 97 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. L-ewwel artikolu jipprovdi li l-kummerċjant kummissjonant hu dak li f'ismu jew taħt l-isem ta' ditta soċjali jagħmel atti ta' kummerċ b'ordni jew akkont ta' prinċipal. It-tieni artikolu jipprovdi li l-kummerċjant kummissjonant mhux obbligat jagħti l-isem tal-

[17] Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) datata 14 ta' Jannar, 2002.

persuna li għaliha hu jaġixxi. Hu obbligat direttament ma' dawk li magħhom jikkuntratta daqs li kieku l-operazzjoni kienet tiegħu nnifsu."

Tqis ukoll illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Cornucopia Hotel Limited *vs.* Fisher Reisen Limited**[18]:

"1. Il-kummerċjant kummissjonant hu dak li, f'ismu jew taħt l-isem ta' ditta soċjali, jagħmel atti ta' kummerċ b'ordni jew akkont ta' prinċipal.

2. Il-kummerċjant kummissjonant mhux obbligat jagħti l-isem tal-persuna li għaliha hu jaġixxi. Hu obbligat direttament ma' dawk li magħhom jikkuntratta, daqs li kieku l-operazzjoni kienet tiegħu nnifsu.

3. Il-prinċipal m'għandux azzjoni kontra dawk li magħhom il-kummercjant kummissjonant ikun ikkuntratta, lanqas dawn m'għandhom azzjoni kontra l-prinċipal.

Kif ġie anke spjegat mill-Qrati tagħna: "… *nel mandato vi è la rappresentanza vera e propria, e l'atto è compiuto dal rappresentante in nome e per conto del mandante, e nella commissione si ha una rappresentanza indiretta perchè l'atto è compiuto dal rappresentante in nome proprio e per conto altrui.*"[19]

Illi għad illi mill-atti tal-kawża jirriżulta illi fil-korrispondenza tal-konvenut Mark Mangion mas-soċjetà attriċi kien juża l-*letter head* tiegħu ta' *import & export commission agent,* fit-transazzjonijiet partikolari mertu ta' din il-kawża, il-Qorti tqis illi ġie ppruvat sal-livell li trid il-liġi illi l-konvenut effettivament la kien qiegħed iwettaq atti ta' *commission agent,* u lanqas

[18] Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) datata 17 ta' Ottubru, 2007.
[19] **Nellie *sive* Helen Briffa *vs.* Lewis Formosa** (Kollez. Vol. XXVII. I. 678).

atti f'ismu proprju, li fiż-żewġ ċirkustanzi kienu jagħmlu lill-konvenut direttament u personalment responsabbli.

Illi mill-provi jirriżulta illi fir-rigward tat-transazzjonijiet mertu tal-kawża l-konvenut kien qiegħed jipprovdi biss servizz lil Ryan Schembri u l-kumpanniji tiegħu u lil Slais Company Limited, billi jiġbor il-kapital permezz ta' ċekkijiet mingħand is-soċjetà attriċi sabiex dan jiġi investit fl-iskemi ta' Ryan Schembri u l-kumpanniji tiegħu li ma kellhomx finanzi biżżejjed minn ġewwa għall-iskop ta' dan in-negozju tagħhom ta' xiri u bejgħ ta' laħam barra minn Malta. Il-konvenut kien anki jwassal iċ-ċekkijiet bil-ħlas lura tal-kapital u profitti lil min bħas-soċjetà attriċi kien jipparteċipa fl-iskemi ta' Ryan Schembri. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-konvenut kien beda jipprovdi dan is-servizz fi żmien meta Ryan Schembri kien jgħix il-Libja u ta' dan is-servizz il-konvenut kien jitħallas xi forma ta' *commission*. Dan apparti li l-konvenut kien ukoll qiegħed jipparteċipa personalment bi flusu f'din l-iskema ta' Ryan Schembri u l-kumpanniji tiegħu.

Il-Qorti ma għandhiex dubju li d-diretturi u l-azzjonisti tas-soċjetà attriċi kienu ben konsapevoli ta' din l-iskema mħaddma minn Ryan Schembri u l-kumpanniji tiegħu li kienet tirrendi bi ftit li xejn strapazz, salv l-"investiment" tal-flus tagħhom.

Tqis illi mill-provi jirriżulta wkoll illi l-konvenut Mark Mangion bl-ebda mod ma kien garanti tal-iskemi ta' Ryan Schembri. Veru li kien għarraf lil Raymond Falzon li kien hemm *credit insurance,* iżda din bl-ebda mod ma kienet ipprovduta minnu, iżda jekk xejn mis-soċjetajiet ta' Ryan Schembri.

Tqis illi għar-rigward tal-allegat aġir frawdolenti tal-konvenut, kien l-obbligu tas-soċjetà attriċi li tressaq provi konvinċenti li l-konvenut wettaq xi frodi konsegwenza ta' liema s-soċjetà attriċi sofriet danni li għandu jinżamm responsabbli għalihom il-konvenut. Kieku tabilħaqq is-soċjetà attriċi ħadet bis-serjetà dak li allegat hija stess illi l-konvenut wettaq aġir frawdolenti fil-konfront tagħha, bir-raġun kien ikun mistenni mis-soċjetà attriċi tippersegwi din l-allegazzjoni tagħha b'rapport lill-Pulizija, xi ħaġa li mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li hija għamlet.

Tqis illi s-soċjetà attriċi kellha tal-inqas tressaq provi li juru b'mod konvinċenti li l-konvenut bl-aġir personali tiegħu wassal biex din l-iskema, tirrendi kemm kienet tirrendi, spiċċat waqfet ħesrem. Mill-provi mressqa jirriżulta biss illi din l-iskema waqfet minħabba li kienu ġew iffriżati il-fondi tagħha wara li kienet inħarġet *freezing order* kontra Ryan Schembri, li mhuwiex parti f'din il-kawża, minħabba investigazzjonijiet fil-Kroazja fuq suspett ta' *money laundering*.

Tqis illi mill-provi prodotti jirriżulta b'mod ċar illi l-ammonti li tagħhom is-soċjetà attriċi qiegħda tirreklama r-rifużjoni tagħhom f'din il-kawża, kienu

ġew mgħoddija lil Ryan Schembri ossija lill-kumpanniji tiegħu Cassar & Schembri Marketing Limited u Food World Limited, u huwa kontra dawn il-kumpanniji li kellha taġixxi s-soċjetà attriċi għar-rigward tal-pretensjonijiet tagħha, u jekk inhuwa l-każ kontra d-diretturi ta' dawn il-kumpanniji jekk jiġu ppruvati frodi jew illegalitajiet li wasslu għat-terminazzjoni tan-negozji mertu ta' din il-kawża.

Illi madankollu s-soċjetà attriċi ittentat dik li kienet tidher l-eħfef triq għaliha li taġixxi kontra l-konvenut, meta din l-azzjoni kienet destinata li tfalli peress li jirriżulta ben ċar, u dan a pjena konoxxenza tas-soċjetà attriċi, illi t-transazzjonijiet mertu ta' din il-kawża l-finalità tagħhom kienet li jsiru investimenti tramite s-soċjetajiet ta' Ryan Schembri. L-azzjonisti u diretturi tas-soċjetà attriċi ma setgħux ma jkunx jafu b'dan meta saħansitra kellhom negozju kbir mal-imsemmi Schembri u l-kumpanniji tiegħu, apparti il-parteċipazzjoni tagħhom fl-iskema tax-xiri u bejgħ ta' laħam barra minn Malta.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq spjegati din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi Slais Company Limited, bl-ispejjeż kontra tagħha.**

Moqrija.